MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 22/2021 LM

**Angelo Buttigieg (K.I. 00921345M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul minn **Angelo Buttigieg** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tat-13 ta' Ottubru, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], fejn l-Arbitru qal li mhuwiex konvint mis-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent kif ġiet dikjarata minnu meta applika għall-Għajnuna Medika (SKA).

B'hekk l-Arbitru ddeċieda li l-appellant mhuwiex eliġibbli biex jirċievi l-Għajnuna Medika, u l-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata u għalhekk intavola l-appell odjern.

## Fatti

2. Permezz ta' ittra mibgħuta mid-**Direttur tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'il quddiem 'l-appellat'] lill-appellant fit-8 ta' Jannar, 2020, dan ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu għall-Għajnuna Medika fi flus ġiet mistħarrġa, u ġie deċiż li huwa m'għadux aktar intitolat għal din l-għajnuna, għaliex l-appellat ma kienx sodisfatt li l-kapital tar-rikorrent ma jeċċedix €14,000. L-appellant appella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, billi qal li fl-ewwel lok l-appellat kellu jissostanzja jew jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu. L-appellant saħaq li l-appellat ma eżerċitax id-diskrezzjoni tiegħu skont il-liġi b'mod xieraq u korrett, u għalhekk dan wasal għal deċiżjoni żbaljata u inġusta. L-appellant qal li min-naħa tiegħu huwa ppreżenta dokumentazzjoni sufficjenti biex jipprova li huwa ma jeċċedix il-limitu tal-kapital stipulat fl-Ewwel Artikolu tat-Tieni Parti (Tieni Skeda) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Fir-risposta tiegħu l-appellat wieġeb li l-appellant kien diġà għamel appell ieħor, li sussegwentement kien ġie ċedut, wara li ġiet spjegata r-raġuni għalfejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kien ħa deċiżjoni tiegħu fil-konfront tal-appellant. L-appellat qal li l-appellant reġa' applika għall-Għajnuna għal Mard fit-8 ta' Ottubru, 2018, u f'din l-applikazzjoni l-appellant iddikjara kont bankarju li fih kien hemm depożitata is-somma ta' €10,008.50. Flimkien ma' din l-

applikazzjoni, l-appellant ippreżenta stqarrija fejn spjega kif iddispona mill-kapital li kien indika fl-applikazzjonijiet preċedenti, iżda meta d-Dipartiment talbu jissostanzja din id-dikjarazzjoni b'irċevuti fiskali, l-appellant wieġeb li huwa m'għandux irċevuti ulterjuri. L-appellat spjega li kien għalhekk li fit-8 ta' Jannar, 2020, huwa ddeċieda li ma kienx sodisfatt li l-kapital tal-appellant ma jeċċedix l-iskala ta' €14,000 stabbilita taħt il-Kap. 318.

## Mertu

4. Quddiem l-Arbitru l-appellant insista li l-kapital tiegħu naqas għaliex huwa kellu diversi spejjeż, u ppreżenta xi irċevuti fiskali bħala prova ta' dan, flimkien ma' xi *statements* ta' kontijiet bankarji.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2021, l-Arbitru ddeċieda l-appell interpost mill-appellant, billi ddikjara li huwa mhuwiex konvint mis-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent u mill-istqarrijiet magħmula mir-rikorrent f'dan ir-rigward, u għalhekk ċaħad l-appell intavolat minnu, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"L-Arbitru***
>
> *Illi dan huwa appell illi sar fl-4 ta' Frar, 2020 għal deċiżjoni tad-DSS datata 8 ta' Jannar, 2020 li permezz tagħha d-DSS irrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għall-għajnuna medika stante li għad-DSS l-appellant kellu kapital li jeċċedi l-€14,000.*
>
> *Illi permezz ta' appell tiegħu l-appellant attakka din id-deċiżjoni abbażi ta' diversi aggravji.*

*L-ewwel aggravju huwa wieħed pjuttost preliminari fejn l-appellant jagħmel referenza għad-deċiżjoni su riferita u jargumenta illi tali deċiżjoni mhijiex motivata. Hija l-fehma tal-Arbitru, li dan l-aggravju ma jissussistix u dan stante illi d-deċiżjoni tad-DSS hija waħda ċara u mingħajr ekwivoċi u ċioe li l-applikazzjoni kienet miċħuda għax fil-fehma tad-DSS l-appellant kellu kapital li jeċċedi l-€14,000. Kwindi f'dan il-każ, l-appellant seta' jagħmel l-appell abbażi ta' din id-deċiżjoni u jipprova illi fil-fatt huwa ma kellux dak l-ammont ta' kapital li qed jirreferi għalih id-DSS fid-deċiżjoni tiegħu.*

*Tant hu hekk illi t-tieni aggravju, minkejja li sar mingħajr preġudizzju għall-ewwel wieħed, jagħmel referenza għad-diskrezzjoni li uża d-DSS fid-deċiżjoni tiegħu u l-appellant sostna illi kien ippreżenta d-dokumenti kollha meħtieġa biex jipprova illi fil-fatt ma kellux dak l-ammont ta' kapital.*

*Illi d-DSS fir-risposta tiegħu għamel referenza għad-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal diversament presedut u ċioe Appell numru 281/18 liema deċiżjoni ma ġietx appellata u kwindi għaddiet* res judicata*, u li tittratta l-istess mertu.*

*Illi f'dan l-appell ġie rilevat illi anki meta wieħed jikkunsidra d-dikjarazzjoni tal-accountant tal-appellant, xorta l-appellant kien jeżorbita l-iskala stabbilita fil-liġi. Dan għaliex l-ewwel applikazzjoni kellha ddikjarat kapital ta' €22,050, u saret meta mart l-appellant kienet għadha ħajja u kwindi l-iskala f'dak il-każ kienet ta' €23,000. Meta applika mill-ġdid, wara li ċeda l-applikazzjoni preċedenti, ma kienx wera li fil-fatt kellu anqas minn €14,000 bħala kapital.*

*Matul is-smigħ odjern, l-appellant ippreżenta għadd ta' irċevuti u kontijiet bankarji li però ma jagħmlux referenza għall-perijodu ta' meta saret l-applikazzjoni imma wara, saħansitra anki aktar minn sena tad-deċiżjoni u għalhekk dawn l-irċevuti li ħafna minnhom huma ukoll irċevuti ta'* day to day expenses, *mhux ser ikunu kkunsidrati.*

*L-Arbitru fil-fatt ta opportunità lill-appellant sabiex jippreżenta l-kontijiet bankarji relattivi għaż-żmien tal-applikazzjoni. Illi hawnhekk l-appellant ippreżenta biss kont wieħed APS meta preċedentement iddikjara li għandu tnejn u ieħor Bank of Valletta li fin-nota tiegħu preżentata fl-14 ta' Mejju seduta stante ma issemmiex.*

*Illi l-esponent għal darb'oħra reġa' naqas milli jġib provi suffiċjenti biex jispjega fejn marru l-flus biex l-ewwel kien iddikjara kapital ta' ftit aktar minn €22,000, u wara iddikjara ħafna inqas. Illi bil-provi kif preżentati u n-nuqqasijiet li fihom, l-Arbitru ma hux konvint illi dak li ġie dikjarat b'dawn in-noti hija s-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellant. Anzi n-nuqqasijiet ċitati jitfgħu aktar dubji fuq il-veraċità tad-dikjarazzjoni tiegħu milli jsaħħuha.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, l-appell qed ikun miċħud.*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellant ressaq appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru permezz ta' rikors tal-appell tat-12 ta' Novembru, 2021, fejn qal li huwa persuna avvanzata fl-età u li jbati minn diversi kundizzjonijiet mediċi. Qal li huwa kien ippreżenta applikazzjoni għall-Għajnuna Medika (SKA) għall-konsiderazzjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, liema talba ġiet miċħuda fit-8 ta' Jannar, 2020. L-appellant spjega li fl-4 ta' Frar, 2020 huwa ressaq appell minn din id-deċiżjoni, iżda permezz tad-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fit-13 ta' Ottubru, 2021, id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat ġiet ikkonfermata, billi l-Arbitru kkonkluda li l-appellant ma rnexxilux iġib provi suffiċjenti sabiex jispjega l-qagħda finanzjarja tiegħu.

7. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat b'din id-deċiżjoni għaliex fil-fehma tiegħu ma saritx evalwazzjoni xierqa mill-Arbitru tal-provi miġjuba minnu, u għalhekk id-deċiżjoni li wasal għaliha l-Arbitru mhijiex waħda ġusta. L-appellant qal li dawn il-proċeduri jippernjaw fuq il-prova o meno dwar jekk il-kapital miżmum minnu jeċċedix l-erbatax-il elf Euro (€14,000), u għal dan il-għan huwa ressaq diversi provi quddiem l-Arbitru, fosthom dikjarazzjoni ġuramentata magħmula minnu, nota dettaljata bid-dokumenti annessi li jinkludu *statements* tal-kont tal-appellant mal-APS Bank, fejn jirriżulta li fil-31 ta' Jannar, 2021 l-appellant kellu bilanċ ta' €5,177.11, dikjarazzjoni tal-*accountant* Brian Spiteri dwar spejjeż li għamel l-appellant u li fir-rigward ta'

liema ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi irċevuti, u provi oħra dwar spejjeż illi jinkorri l-appellant għall-ħajja ta' kuljum, inkluż mediċini, kontijiet tad-dawl u tal-ilma u spejjeż oħra. L-appellant qal li permezz ta' nota ulterjuri tat-3 ta' Ġunju, 2021, huwa ppreżenta dokumentazzjoni ulterjuri, inkluż *statement* aġġornat tal-kont tal-appellant ma' APS Bank, *statement* tal-kont tal-appellant ma' Bank of Valletta plc, liema kont l-appellant spjega li juża għall-ħtiġijiet personali tiegħu, u għadd ta' irċevuti ulterjuri. L-appellant qal li minkejja dan, jirriżulta li l-Arbitru ma wettaqx evalwazzjoni xierqa u konsiderata tal-provi li tressqu minnu, u l-Arbitru anki kkonkluda li d-dokumentazzjoni ppreżentata mill-appellant mhijiex rilevanti għall-perijodu meta ttieħdet id-deċiżjoni mill-appellat fil-konfront tal-appellant. L-appellant qal li dan mhux minnu, għaliex għandu jirriżulta li l-i*statement* bankarju ppreżentat minnu jkopri l-perijodu kollu mis-sena 2018 sas-sena 2021. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-Arbitru naqas milli jieħu in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, u għalhekk l-apprezzament li sar minnu huwa milqut minn nuqqas gravi, li wassal biex ingħatat deċiżjoni inġusta fil-konfront tiegħu.

8. L-appellant żied jgħid li fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru sostna li l-appellant għamel riferiment għal kont wieħed biss tal-APS, meta preċedentement kien iddikjara li għandu tnejn, u għal kont ieħor il-Bank of Valletta, li ma ssemmewx fin-nota tiegħu tal-14 ta' Mejju, 2021. L-appellant qal li għandu jirriżulta li huwa ppreżenta kopja tal-i*statement* ta' dan il-kont bankarju permezz ta' nota ulterjuri intavolata minnu, filwaqt li kien spjega li dan il-kont jintuża minnu esklussivament għall-fini tal-pensjoni li jirċievi mill-Istat, u għalhekk il-kapital kollu tiegħu jinsab fil-kont li huwa għandu ma' APS Bank. Qal li minn l-

i*statement* għandu jirriżulta li f'Mejju 2021 huwa kellu bilanċ ta' €0.70 f'dan il-kont tal-Bank of Valletta. L-appellant qal li għalhekk għandu jirriżulta li huwa indirizza sodisfaċentement il-kwistjonijiet u d-dubji kollha li sar riferiment għalihom quddiem l-Arbitru, u dan sar permezz tal-preżentata ta' dokumentazzjoni formali li ġiet intavolata fil-proċeduri quddiem l-Arbitru.

9. L-appellant qal li minkejja li Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel istanza, fil-każ odjern għandu jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li sar mill-Arbitru jinkwadra ruħhu fl-ambitu ta' ċirkostanzi li jimmeritaw stħarriġ u reviżjoni minn din il-Qorti. L-appellant qal li minkejja li huwa kien ippreżenta d-dokumentazzjoni kollha li kienet għad-disposizzjoni tiegħu, sabiex ikun jista' jibda jirċievi l-Għajnuna għall-Mard, il-provi ppreżentati minnu ma ngħatawx konsiderazzjoni xierqa mill-Arbitru, sabiex b'hekk issa huwa jinsab imċaħħad mill-possibilità li jirċievi l-Għajnuna Medika li huwa jeħtieġ u li issa ilu diversi snin jitlob għaliha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li r-rikors tal-appell huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u għandu jiġi miċħud minn din il-Qorti, stante li d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru hija waħda ġusta u timmerita konferma. L-appellat spjega li l-appellant issottometta applikazzjoni fit-8 ta' Ottubru, 2018 sabiex jibda jirċievi l-Għajnuna Medika, fejn iddikjara li kellu total ta' €10,008.50 depożitati fil-kontijiet bankarji tiegħu. L-appellat qal li permezz ta' ittra tat-8 ta' Jannar,

2020, huwa kien informa lill-appellant li ma kienx intitolat għall-Għajnuna Medika, għaliex huwa ma kienx sodisfatt li l-appellant ma kellux kapital li jeċċedi €14,000. L-appellant appella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, u fost id-dokumenti ppreżentati minnu, kien hemm (i) *statement* tal-10 ta' Ottubru, 2020, tal-kont ma' APS Bank (*savings account* numru 4100982001-9), fejn kien hemm depożitata is-somma ta' €6,884.07; (ii) statement tal-31 ta' Jannar, 2021, tal-kont ma' APS Bank (*savings account* numru 4100982001-9), fejn kien hemm depożitata is-somma ta' €5,177.11; (iii) u dikjarazzjoni li saret fis-26 ta' Frar, 2018 mill-*accountant* tal-appellant Brian Spiteri, fejn spjega l-ispejjeż magħmula mill-appellant qabel dik id-data. F'din id-dikjarazzjoni jingħad li l-appellant għamel spiża ta' €5,360 biex xtara friġġ u vettura, u biex ħallas għall-funeral ta' martu, iżda ma ppreżenta l-ebda irċevuti bħala prova ta' dan. L-appellat qal li ġew esebiti wkoll kopja tal-kont tad-dawl u l-ilma tal-15 ta' Diċembru, 2020, diversi rċevuti fiskali tal-ispejjeż inkorsi mill-appellant bejn Ottubru 2020 u Jannar 2021; u prospett tal-ispejjeż magħmula mill-appellant kull xahar, liema prospett però ma jinkludix irċevuti fiskali. L-appellat żied jgħid li fit-3 ta' Ġunju, 2021 huwa ppreżentata nota bi *statement* tal-kont tal-appellant ma' APS Bank (*savings account* numru 4100982001-9), li jkopri l-perijodu bejn is-sena 2018 u April 2021; *statement* tal-kont tal-appellant ma' Bank of Valletta (*savings account* 40024666626) li jkopri s-sena 2018 sa Mejju 2021; u diversi rċevuti fiskali li jirrappreżentaw spejjeż li saru mill-appellant bejn Marzu 2021 u Mejju 2021.

11. L-appellat qal li permezz tal-aggravju tiegħu l-appellant qiegħed isostni li l-Arbitru ma wettaqx evalwazzjoni xierqa tal-provi li ġew imressqa quddiemu.

Dwar dan, l-appellat irrimarka li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza terġa' tevalwa l-provi mill-ġdid għal raġunijiet superfluwi. Qal ukoll li fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant naqas milli jagħti r-raġunijiet tiegħu għalfejn din il-Qorti għandha teżamina l-provi mill-ġdid. L-appellat qal li minkejja li l-appellant sostna li ressaq diversi provi sabiex iwaqqa' d-deċiżjoni tal-appellat, u sabiex juri li huwa m'għandux kapital li jeċċedi €14,000, u qal ukoll li għamel dikjarazzjoni ġuramentata biex jikkonferma dan, madankollu fl-inkartament tal-proċeduri quddiem l-Arbitru, ma nstabet l-ebda dikjarazzjoni ġuramentata tal-appellant. L-appellat żied jgħid li minkejja li għamel riferiment ampju għall-imsemmija dikjarazzjoni ġuramentata, l-appellant imkien ma elabora dwar il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni. L-appellat għamel riferiment ukoll għad-diversi dokumenti ppreżentati mill-appellant, u jgħid li ladarba l-applikazzjoni tal-appellant sabiex jibda jirċievi l-Għajnuna għall-Mard saret fit-8 ta' Ottubru, 2018, kwalunkwe *statement* bankarju li jirrigwarda iż-żmien ta' wara dik id-data, u kwalunkwe dokument li jirrappreżenta spejjeż li saru wara din id-data, huma għal kollox irrilevanti għall-mertu ta' dan l-appell, u dan għaliex id-Direttur Ġenerali appellant seta' jibbaża d-deċiżjoni tiegħu biss fuq il-kapital li kellu l-appellant fil-mument li ressaq it-talba tiegħu għall-Għajnuna Medika. L-appellat sostna li kemm l-i*statements* bankarji kif ukoll l-irċevuti fiskali ppreżentati mill-appellant, kollha kemm huma jirrappreżentaw spejjeż li saru mill-appellant wara l-2018, u għalhekk dawn ma jistgħux jiġu kkonsidrati sabiex jiġi determinat jekk l-appellant kellux kapital li jeċċedi s-somma stabbilita mil-liġi meta huwa applika għal din l-għajnuna, u jekk huwa kienx iddispona minn ġidu intenzjonalment qabel applika għall-imsemmija għajnuna. L-appellat qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Arbitru li ma jikkonsidrax dokumentazzjoni dwar l-

ispejjeż li jagħmel l-appellant għall-ħajja ta' kuljum, hija waħda ġusta u fondata. L-appellat għamel riferiment għad-dikjarazzjoni tal-komputista Brian Spiteri, li qal li l-appellant nefaq ammont konsiderevoli ta' flus sabiex xtara friġġ, karozza u sabiex ħallas għall-funeral ta' martu, iżda minkejja dan ma ppreżenta l-ebda irċevuta sabiex jikkorrobora dan. L-appellat qal li din id-dikjarazzjoni tal-komputista lanqas m'hija kkonfermata bil-ġurament. Qal ukoll li din in-nefqa ma tantx tagħmel differenza meta wieħed iqis li bejn il-25 ta' Frar, 2018 u t-8 ta' Ottubru, 2018, l-appellant ġibed ammonti sostanzjali mill-kontijiet tiegħu fil-banek APS u BOV, kif jirriżulta mill-provi, hekk kif fuq medda ta' sitt xhur l-appellant ġibed total ta' €9,100 mill-kont tiegħu mal-APS Bank u €2,000 mill-kont tiegħu mal-BOV. L-appellat qal li dawn l-ammonti flimkien jammontaw għal total komplessiv ta' €11,100, imma l-appellant ma ta l-ebda spjega għalfejn ġibed dawn l-ammonti ta' flus pjuttost sostanzjali fis-sitt xhur qabel għamel l-applikazzjoni tiegħu għall-Għajnuna Medika, u lanqas ma ttenta jispjega x'għamel b'dawn il-flus. L-appellat qal li għalhekk l-appellant naqas milli jispjega kif iddispona minn ġidu qabel applika għall-Għajnuna Medika, u għalhekk ladarba dan ma sarx, l-Arbitru ma seta' qatt jemmen il-verżjoni tal-appellant li huwa kien nefaq is-somma ta' €11,100 għall-bżonnijiet personali tiegħu u għall-ħajja ta' kuljum. L-appellat għamel riferiment għad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistabbilixxu diversi rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun eliġibbli għall-Għajnuna Medika. L-appellat qal ukoll li kemm hu kif ukoll l-Arbitru kellhom il-kompitu li jassiguraw li l-appellant iġib provi b'saħħithom biżżejjed sabiex iwasslu għall-konvinċiment morali li l-appellant ma ġibidx il-flus mill-kontijiet bankarji tiegħu b'mod kapriċċjuż jew bl-iskop li jirrendi lilu nnifsu eliġibbli għall-Għajnuna Medika.

12. L-appellat qal li wara li eżamina id-dokumenti kollha li ġew ippreżentati, l-Arbitru għalhekk ikkonkluda li huwa ma setax ikun konvint li l-appellant ma kellux kapital li jeċċedi €14,000, tenut kont li l-appellant baqa' ma spjegax x'għamel b'aktar minn €11,000 li ġibed mill-kontijiet bankarji tiegħu fis-sitt xhur qabel applika għall-Għajnuna Medika. L-appellat qal li għalhekk l-Arbitru kien ġustifikat jikkonkludi li l-appellant kien ġibed dawn il-flus bl-intenzjoni li jostor il-fatt li huwa kellu ferm aktar minn €14,000 fi flus meta ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu għall-Għajnuna Medika. L-appellat qal li jekk wieħed jikkonsidra l-ammont ta' €11,100 flimkien mal-€10,008.50 li l-appellant kellu depożitati fil-kontijiet bankarji tiegħu meta għamel l-applikazzjoni għall-Għajnuna Medika, wieħed jista' jikkonkludi li huwa kellu kapital li jaqbeż l-€14,000 fil-mument li għamel l-applikazzjoni tiegħu. Qal ukoll li l-kumment tal-appellant dwar il-fatt li l-Arbitru rrimarka li huwa ma kienx iddikjara l-kont bankarju li għandu mal-BOV, huwa pjuttost superfluwu għaliex mill-atti għandu jirriżulta li l-Arbitru fil-fatt ħa konjizzjoni tal-i*statements* bankarji kollha li ġew ippreżentati mill-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet tiegħu.

*L-aggravju tal-appellant:* *konsiderazzjoni tal-provi miġjuba*

14. L-appellant isostni l-Arbitru naqas milli jagħmel evalwazzjoni xierqa tal-provi miġjuba minnu, u għalhekk id-deċiżjoni li ta l-Arbitru fil-konfront tiegħu mhijiex waħda ġusta. L-appellant qal li huwa ġab quddiem l-Arbitru diversi provi, fosthom dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, nota dettaljata b'diversi dokumenti annessi, u *statements* bankarji sabiex jispjega x'depożiti bankarji għandu f'ismu, kif ukoll dikjarazzjoni tal-komputista Brian Spiteri fejn spjega li l-appellant nefaq total ta' €5,177.11 sabiex xtara friġġ u vettura, u sabiex ħallas l-ispejjeż tal-funeral ta' martu. L-appellant insista li bil-provi miġjuba minnu, huwa rnexxielu jindirizza t-tħassib tal-Arbitru, u għalhekk id-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru għandha tiġi kkonsidrata mill-ġdid sabiex jiġi assigurat li kull prova miġjuba mill-appellant ingħatat il-konsiderazzjoni li kien jixirqilha.

15. Min-naħa tiegħu l-appellat wieġeb li d-deċiżjoni tal-Arbitru, li tikkonferma d-deċiżjoni preċedenti tiegħu, hija ġusta u timmerita konferma, u l-provi miġjuba mill-appellant mhumiex rilevanti, għaliex ma jikkombaċjawx maż-żmien meta l-appellant applika għall-Għajnuna Medika, imma jagħmlu riferiment għas-snin ta' wara.

16. Il-Qorti tirrileva li fil-proċeduri odjerni saret evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi kollha miġjuba mill-appellant quddiem l-Arbitru, u dan sabiex jiġi assigurat li l-ġustizzja mhux biss issir, iżda tidher li qed issir, partikolarment wara li l-appellant wera tħassib li f'dan il-każ ma saritx ġustizzja miegħu minħabba fil-mod kif iddeċieda l-Arbitru. Għad li l-appellant insista ħafna fir-rikors tal-appell tiegħu, fuq dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu li huwa jgħid li ppreżenta fil-proċeduri quddiem l-Arbitru, madanakollu din id-dikjarazzjoni ġuramentata ma tinsabx fl-inkartament tal-proċeduri quddiem l-Arbitru. Minflok in atti hemm

dikjarazzjoni magħmula mill-appellant fejn jispjega uħud mill-ispejjeż li huwa jinkorri ta' kull xahar, kif ukoll kopja ta' *statements* ta' kontijiet bankarji li l-appellant għandu f'ismu. Mill-provi jirriżulta wkoll li kemm l-appellant kif ukoll martu, illum defunta, kienu qed jirċievu pensjoni mill-Kanada, u li l-appellant jirċievi pensjoni minn Malta. L-appellant ippreżenta dikjarazzjoni tal-komputista Brian Spiteri tas-26 ta' Frar, 2018, li jispjega li l-appellant nefaq ftit aktar minn €5,000 fi friġġ ġdida, f'vettura li l-appellant jispjega li għandu bżonnha minħabba d-debilità li huwa għandu, u għall-funeral ta' martu, iżda ma ġew prodotti l-ebda irċevuti mill-appellant sabiex issostni d-dikjarazzjoni magħmula mill-komputista Brian Spiteri. Għalkemm fil-proċess hemm elenku tal-ispejjeż tal-funeral, imma m'hemm l-ebda irċevuta fiskali annessa. Din il-Qorti tqis li l-aktar provi rilevanti huma dawk li jagħtu stampa tal-assi u tal-kapital tal-appellant fiż-żmien meta huwa applika għall-Għajnuna Medika, jiġifieri fl-2018, u għalhekk l-i*statements* għas-snin 2019 sal-lum, mhumiex rilevanti għal dak li kellu jiġi stabbilit mid-Direttur Ġenerali appellat, jiġifieri jekk fiż-żmien meta l-appellant applika għall-Għajnuna Medika, dan kellux jew le assi kapitali li jeċċedu €14,000.

17. Mill-i*statement* tal-kont tal-BOV *savings account* 40024666626, liema kont jintuża mill-appellant sabiex jiddepożitata fih l-pensjoni tiegħu, jirriżulta li l-appellant fetaħ is-sena 2018 b'bilanċ ta' €0.61. Jirriżulta wkoll li dan huwa l-kont ewlieni li juża l-appellant għall-ħajja ta' kuljum, minn liema kont l-appellant jiġbed flus b'mod pjuttost regolari. Fil-fatt mill-*statement* għall-perijodu bejn il-11 ta' Jannar, 2018 u l-25 ta' Settembru, 2018, jiġifieri ftit ġranet qabel l-appellant applika għall-Għajnuna għal Mard, jirriżulta li minn dan il-kont

inġibed total ta' €6,851.16. B'mod speċifiku, bejn il-25 ta' Frar, 2018 u t-8 ta' Ottubru, 2018, li huwa l-perijodu li d-Direttur Ġenerali appellat ħa in konsiderazzjoni biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, minn dan il-kont inġibed it-total ta' €3,790.

18. Jirriżulta wkoll li mart l-appellant ġiet nieqsa fit-8 ta' April, 2017, u fi Frar tal-2018 l-appellant kellu €12,207.52 iddepożitati f'ismu fil-bank APS *savings account* – 4100982001-9, u minn dan il-kont kienu nġibdu somom pjuttost sostanzjali ta' flus fis-sitt xhur ta' qabel ma l-appellant applika għall-Għajnuna għal Mard, sabiex b'hekk sal-aħħar tal-2018, l-appellant kien għad għandu ftit aktar minn €6,500 iddepożitati fl-imsemmi kont. Mill-provi jirriżulta li bejn l-14 ta' Frar, 2018 u t-28 ta' Settembru, 2018, minn dan il-kont l-appellant ġibed total ta' €9,322.52. Dan ifisser li fil-ftit xhur qabel applika għall-Għajnuna għal Mard, l-appellant ġibed b'kollox total ta' €13,112.52 mill-kontijiet bankarji tiegħu. Dan fl-istess waqt li l-appellant jipprova jispjega parti minn din in-nefqa billi jattribwiha għall-ispiża tal-funeral ta' martu, li sar fl-2017 u mhux f'dan il-perijodu, filwaqt li ma jagħti l-ebda spjegazzjoni oħra dwar dawn l-eluf ta' Euro oħra fhiex intefqu. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li meta applika għall-Għajnuna għal Mard, l-appellant iddikjara li kellu l-ammont ta' €10,008.50 ddepożitati fil-kontijiet bankarji tiegħu. Dan ifisser li meta wieħed iqis il-flus li ġew miġbuda mill-appellant mill-imsemmija kontijiet bankarji fix-xhur ta' qabel dan applika għall-Għajnuna għal Mard, flimkien mal-flus li dan kien għad għandu ddepożitati f'ismu fid-data meta ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għall-Għajnuna Medika, l-appellant kellu kapital li jeċċedi l-limitu ta' €14,000 stabbilit fil-liġi. Din il-Qorti għalhekk tqis li l-Arbitru kien korrett meta kkonkluda li l-appellant iddispona mill-kapital tiegħu sabiex jitqies eliġibbli għall-Għajnuna

Medika li applika għaliha. Dan għaliex minn nefqa ta' madwar €13,000, u minkejja l-involviment ta' komputista li ttenta jagħti spjega ta' parti min-nefqa tal-appellant, jirriżulta li għal parti kbira mill-flus li nġibdu mill-kontijiet bankarji tal-appellant, ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni fhiex intefqu, partikolarment meta wieħed iqis li l-ispiża għall-funeral ta' mart l-appellant, ma tiffigura imkien f'dawn iċ-ċifri, għaliex din l-ispiża kienet saret ferm qabel. Dan meta jirriżulta wkoll li fix-xhur u s-snin ta' wara, il-bilanċ fil-kontijiet bankarji tal-appellant baqa' wieħed pjuttost stabbli, u għalhekk aktar u aktar m'hemmx spjegazzjoni għal din in-nefqa qawwija ta' kważi €13,000 f'temp ta' ftit xhur. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Arbitru fejn stqarr li mhuwiex konvint mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji li għamel l-appellant, hija korretta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**